# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum il-21 ta' Jannar 2021**

Appell numru 329 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Curtis BAKOUSH**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-22 ta' Novembru 2019 fil-konfront ta' **Curtis BAKOUSH** karta tal-identità bin-numru 340689M li ġie mixli (in suċċint) talli :

   (a) Fl-10 ta' Ġunju 2019 għall-ħabta ta' 0140 fi Triq San Bastjan, Valletta, ikkommetta serq ta' flus li jammontaw għal €50 minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DLY147 liema serq huwa kwalifikat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment ta' Joseph Spiteri u/jew ta' persuna/i oħra bi ksur tal-artikoli 261, 270 u 271 tal-Kodiċi Kriminali;
   (b) Fl-istess data kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta proviżjorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati nhar is-6 ta' Marzu 2018;
   (c) Fl-istess data kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta proviżjorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati nhar id-9 t'April 2019;

(d) Talli kkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija ta' disa' xhur sospiżi għal erba' snin mogħtija kontra tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati nhar il-15 ta' Ġunju 2016, liema sentenza hija assoluta u ma tistax tinbidel;
(e) Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tħassar il-ħelsien mill-arrest tal-imputat Bakoush kif ukoll tordna li s-somma ta' elf u ħames mitt euro depożitu kif ukoll is-somma ta' ħamest elef euro garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta ai termini tal-artikolu 579(3) tal-Kodiċi Kriminali;
(f) Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tħassar il-ħelsien mill-arrest tal-imputat Bakoush kif ukoll tordna li s-somma ta' ħmistax il-elf euro jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta ai termini tal-artikolu 579(3) tal-Kodiċi Kriminali;
(g) Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li titratta ma' Bakoush bħala li huwa reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu li saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, rat l-artikoli 49, 50, 261(f)(g), 270, 271(g), 281(b), 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali u sabet lill-imputat Bakoush ħati tal-imputazzjonijiet kollha u :

(a) Kwantu għall-każ li wassal għal dawn il-proċeduri kkundannatu għal tmien xhur priġunerija;
(b) Kwantu għall-kommissjoni tar-reat matul il-perjodu operattiv tas-sentenza ta' disa' xhur priġunerija sospiżi għal erba' snin il-Qorti ordnat id-dħul fis-seħħ tal-istess sentenza u kkundannatu għal disa' xhur priġunerija;
(c) Kwantu għad-dikjarazzjoni ta' ħtija li Bakoush kiser il-kondizzjonijiet tal-liberta kundizzjonata relattivi għaż-żewġt digrieti maħruġa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) aktar il-fuq imsemmija kkundannatu għal sena priġunerija.
(d) Inoltre ordnat ir-revoka taż-żewġt digrieti konċedenti l-ħelsien mill-arrest lill-appellant, ordnat ir-riarrest tiegħu filwaqt li ordnat ukoll li l-ammont totali globali ta' wieħed u għoxrin elf u ħames mitt euro msemmija fid-digrieti de quo jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

3. Illi minn din is-sentenza Curtis BAKOUSH appella fejn talab lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata u tilliberah mill-akkużi miġjuba kontra tiegħu u sussidjarjament f'każ li din il-Qorti ssib ħtija, li tirrevedi l-piena għal waħda aktar ekwa skont iċ-ċirkostanzi u dan wara li saħaq is-segwenti : -

(a) Ix-xhud prinċipali ma rnexxielux jidentifika pożittivament lill-appellant bħala l-ħalliel u b'hekk kien hemm dubju dettat mir-raġuni li kellu jimmilita favur tiegħu;

(b) Il-provi ċirkostanzjali li ssemmew mill-Qorti f'dan il-każ ma kienux univoċi. Il-Prosekuzzjoni setgħet ittella' xiehda diretti sabiex timla dan il-vojt fil-provi, iżda naqset milli tagħmel dan – inkluż billi naqset milli tressaq prova li l-familjari tal-appellant kienu bbukkjaw it-taxi de quo;

(c) Għalkemm saret riferenza mix-xhud prinċipali dwar xi tatwaġġi li dak ix-xhud qal li ra fuq il-persuna tal-ħalliel, il-Prosekuzzjoni naqset milli ġġib il-prova ta' x'kienu preċiżament dawn it-tatwaġġi u jekk dawn kienux jaqblu ma dawk tal-appellant.

***Ikkunsidrat : -***

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak***

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati

---

***sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*.

10. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,*** 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

12. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

16. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, *sure* fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.* Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

17. Fil-każ Ingliż ***Majid***,[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

18. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence***, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti

[6] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

20. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

21. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-*best evidence rule*, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.
>
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

22. In oltre u aktar reċentement fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Cyrus Engerer,*** il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

> Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.[10]

23. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda

---

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.
[10] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

24. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

25. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Vincent Calleja*** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "*unsafe and unsatisfactory*" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma

tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "*unsafe and unsatisfactory*". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

**Ikkunsidrat**

26. Illi kwantu għal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) din il-Qorti ftit għandha xi żżid. Dik il-Qorti daħlet fil-fond u għarblet kemm l-evidenza diretta kif ukoll dik indiretta. Dawn iż-żewġt forom ta' provi qablu f'dan il-każ.

27. Dwar l-aggravju relattiv għall-problematika tal-identifikazzjoni ta' persuna minn xhud okulari, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kolleġjalment komposta fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mark Pace*** deċiża nhar is-7 ta' Novembru 2002 fejn intqal is-segwenti :

> Lanqas ma ghandu dan kollu jfisser jew jigi interpretat bhala li hemm xi regola generali li xiehda okulari (eye-witness testimony) hija minnha nnifisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli. Kif fisser Chief Justice Miles fis-Supreme Court of the Australian Capital Territory fil-kawza Sharrett vs Gill (1993) 65 A Crim R. 44:
>
> 'I am unaware of any authority in this country or elsewhere that lays down a general principle that all eye-witness testimony is subject to weaknesses and dangers. It would be surprising if there were such a principle. Of course,

everybody knows that everybody else has human failings with regard to such matters as observation, interpretation, recollection and articulateness and such failings are assumed to be taken into account in most cases by the tribunal of fact unless there is some particular need for the fact-finder to refer to or to be referred to some aspect of the case where such failings are relevant. The highest judicial authorities emphasise that, in jury trials, cases of disputed identification require express and precise reference to these human failings and this principle has been extended to trials without a jury. However, it is hard to imagine life where people are not able to act safely and sensibly upon their observations of what they see and hear, and even upon their identification of fellow human beings by such observations. The ability to distinguish one human being from another and to recognise a person as one previously encountered are surely basic skills indispensable to social existence, and skills well acquired at an early age. What the lawyers call identification is essentially no different from what is generally known as recognition';

Fi kliem iehor huwa biss f'certu kazijiet li tista' veramentr tqum il-kwistjoni ta' l-attendibilita` ta' identification evidence. Il-kaz klassiku fl-Ingilterra huwa dak ta' Turnbull (1977) QB 224, fejn il-Qorti esprimiet ruhha hekk:

'First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition, he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided that this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.

Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance?

Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.

All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger' (ara Blackstone's Criminal Practice, 1991, pagna 1991; Archbold, 1997, pagni 1255-1256)".

28. Huwa minnu li Joseph Spiteri setgħa kien aktar preċiż fid-deskrizzjoni tal-ħalliel. Iżda mid-dettalji li huwa forna lil Pulizija fis wara li għamel il-kwerela kif ukoll mill-provi miġbura mill-Pulizija f'dan il-każ – magħquda flimkien – il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li l-persuna li kkommettiet is-serqa kien l-appellant. Id-deskrizzjoni tal-persuna li forna x-xhud Spiteri kellha karatteristiċi li kienu jaqblu perfettament mal-persuna tal-appellant, fosthom il-faxxa li dan kellu m'idu l-leminija. Ix-xufier stqarr li huwa kien staqsa lill-ħalliel jekk kienx weġġa' jdejh u dan wieġbu lura li huwa kien għadu kif iġġieled mad-dimonju. L-appellant jammetti li kellu l-punti f'idu l-leminija u ġrieħi oħra li ġew minn daqqiet.

29. Prova oħra li tresqet kienet li l-appellant kellu tatwaġġ partikolari ħafna fuq għonqu. Is-sewwieq jixhed li ra fuq għonq il-ħalliel tatwaġġ f'forma ta' annimal jew għasfur ta' kulur aħmar. Iżda l-ħalliel kellu tatwaġġi oħra fuq idejh, kellu xagħru mqaxra, il-ħwejjeġ li kienu shorts tat-tliet kwarti li kien imqatta' tal-moda, il-fatt li huwa kien waslu lura l-Belt Valletta, raħ dieħel il-Buwara fi Flat E Block A. L-appellant ġie pruvat li joqgħod ftit il-bogħod fil-Belt Valletta stess. Dawn kollha huma dettalji li jaqblu mas-sitwazzjoni tal-appellant dakinhar ta' dan l-inċident.

30. Iżda magħqud ma dan il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) rat ukoll li l-Pulizija ġabru provi oħra li kienu wkoll jorbtu lill-appellant mal-

messaġġ li bih kien sar il-booking tat-taxi. Dan il-messaġġ sar minn fuq il-mobile phone bin-numru 99959808 reġistrat fuq isem Shaian Bakoush – li tiġi oħt l-appellant u liema mobile instab li kien fil-pussess t'omm l-appellant Jane Bakoush. Dan il-messaġġ ġie identifikat mill-Pulizija bħala li intbagħat fis-0119 u mressaq bi prova. Għalkemm l-isem tal-persuna li bbukkjat dan it-taxi ġiet indikata bħal "Steve", jibqa' l-fatt li n-numru tat-taxi bbukjat kien jaqbel ma dak li fih il-ħalliel seraq lix-xufier. Dan it-taxi ġie bbukkjat fl-istess ħinijiet li l-appellant għamel użu mit-taxi. Apparti minn hekk, l-appellant jammetti li huwa kien rema' l-ħwejjeġ li kien bihom dakinhar tal-inċident. Huwa jgħid li għamel dan għax dawn il-ħwejjeġ dejquh u mhux għax seraq bihom.

31. Dan apparti l-fatt ukoll li l-Pulizija kellhom ukoll il-filmati tas-sigurta meħuda mill-ħanut Dadra li jinsab fi Triq ir-Repubblika l-Belt Valletta fejn għall-ħabta ta' 0139 deher raġel liebes flokk u shorts li ġibed għal Triq l-Isptar l-Antik li kellu idu l-leminija li kienet imgeżwra u li l-istruttura ta' ġismu u l-mixja partikolari tiegħu ġew identifikati minn PC626 Benetti u PC355 Chircop bħala li kienu identiċi għal dawk tal-appellant. Dan kienu jafuh personalment għaliex huma kienu diġa ltaqgħu mal-appellant fuq rapporti oħra.

32. Kif intqal qabel, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kienet meħtieġa li tasal li dan kien l-appellant BAKOUSH b'ċertezza assoluta; iżda kien biżżejjed li minn dawn il-provi hija kienet konvinta b'mod sikur, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li din il-persuna kienet fil-fatt l-appellant BAKOUSH. Minn dawn il-provi jirriżulta li dik il-Qorti setgħet raġonevolment tikkonkludi li dik il-

persuna deskritta f'dan il-każ bħala l-ħalliel kien fil-fatt Curtis BAKOUSH.

**Ikkunsidrat**

33. Mistqarr dan pero hemm punti li dwarhom din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fuq l-appell li sar, tqis li ma tistax taqbel magħhom.

34. Hekk per eżempju l-appellant ġie misjub ħati li kkommetta dan is-serq ta' madwar ħamsin euro li ġie kwalifikat bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa kif ukoll bil-persuna.

35. Issa kwantu għall-kwalifika tal-ħin, ftit hemm xi tgħid. Din is-serqa seħħet għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' filgħodu fejn ikun id-dlam. Iżda din il-Qorti għandha r-riżervi tagħha kemm fil-fatt is-serqa tista' tgħid li kienet ukoll kwalifikata bix-xorta tal-ħaġa misruq kif ukoll bil-persuna.

36. Issa f'dan il-każ li ġara kien li l-appellant seraq lix-xufier tat-taxi billi kif waslu lura u x-xufier waqaf quddiem blokka bini jgħidulha l-Buwara, ħareġ il-pouch biex jagħti l-bqija lill-appellant u dan, waqt li kienu fil-karozza, ħataflu l-flus u telaq jiġri u daħal fil-Blokka Flats, Flat E, Block A.

37. Skont l-artikolu 268, is-serq huwa kwalifikat bl-persuna meta:

> Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"persuna" –
>
> (a) meta jsir, f'kull lok li jkun, mis-seftur bi ħsara tas-sid, jew bi ħsara ta' barrani, jekk biex jagħmel is-serq tkun swietlu ta' għajnuna l-kwalità vera jew falza ta' seftur; taħt l-isem ta' "seftur" tidħol kull persuna impjegata ma' ħaddieħor b'salarju jew bi ħlas ieħor, sew jekk din il-persuna tkun toqgħod jew le fid-dar mas-sid tagħha;

(b) meta jsir mill-mistieden jew minn xi ħadd tal-familja tiegħu, fid-dar fejn ikun milqugħ bħala mistieden, jew, taħt l-istess ċirkostanzi, minn min jistieden jew minn xi ħadd tal-familja tiegħu, bi ħsara tal-mistieden jew ta' xi ħadd tal-familja tiegħu;
(ċ) meta jsir minn lukandier, tvernar, driver ta' vettura, barklor jew minn wieħed li jagħmel flokhom, jew minn sefturi jew impjegati oħra tagħhom, fil-lukanda, tverna, vettura, jew dgħajsa, fejn dan il-lukandier, tvernar, driver jew barklor ikun jaħdem jew iqabbad lil min jaħdem is-snajja hawn fuq imsemmija inkella jagħmel jew iqabbad lil min jagħmel xi wieħed minndawk ix-xogħlijiet; u wkoll meta jsir f'dawn l-istess postijiet, minn min ikun ħa alloġġ jew post, jew minnmin ikun fada ħwejġu hemmhekk;
(d) meta jsir minn apprendist, kumpann fix-xogħol, ħaddiem, professur, artista, suldat, baħri jew impjegat ieħor, fid-dar, fil-ħanut, fl-uffiċċju, fil-kwartier, fuq il-bastiment, jew f'post ieħor li fih ikun daħal minħabba s-sengħa, professjoni jew impieg tiegħu.

38. Bid-dovut rispett, l-ipoteżi ta' serq ta' flus minn klijent ta' taxi minn fuq it-tassista ma tinkwadra f'ebda waħda minn dawn l-ipoteżi. Din il-Qorti għalhekk ma tqisx li l-appellant jista' jiġi ritenut ħati wkoll tas-serq b'din il-kwalifika.

39. Inoltre jirriżulta pruvat li l-appellant wettaq dan ir-reat waqt li huwa kien qiegħed jibbenefika mid-disposizzjonijiet ta' digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest mogħti lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-6 ta' Marzu 2018 mnejn mix-xiehda tal-Ispettur Priscilla Caruana Lee u s-Superintendent James Grech jirriżulta li :

(a) fl-atti ġiet eżebita kopja awtentika tal-istess digriet,
(b) filwaqt li s-Superintendent Grech ikkonferma bil-ġurament tiegħu mhux biss l-identita tal-appellant bħala li huwa l-istess persuna li huwa kien investiga u ressaq il-Qorti f'dak il-każ, iżda wkoll li
(c) kkonferma li dawn il-kondizzjonijiet kienu għadhom in vigore sal-jum li fih xehed (2 ta' Lulju 2019);
(d) li għalhekk ma kienux ġew mibdula fil-jum meta seħħ id-delitt de quo; u

(e) kif ukoll li l-każ de quo li fih ingħataw dawn il-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest kien għadu pendenti.

40. B'hekk din il-Qorti hija soddisfatta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha biżżejjed provi biex legalment u raġonevolment tkun tista' tikkonkludi li l-appellant ikkommetta r-reat de quo bi ksur tal-kundizzjonijiet imsemmija fit-tieni imputazzjoni.

41. Iżda din il-Qorti ma tistax tgħid l-istess fir-rigward tat-tielet imputazzjoni. Dan peress li in kwantu għall-fatt allegat li l-appellant ikkommetta r-reat de quo bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest konċess lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-9 t'April 2019, jirriżulta li

(a) l-Ispettur Caruana Lee ppreżentat vera kopja ta' digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest mnejn jirriżulta wkoll li l-istess Spettur kienet ukoll l-uffiċjal prosekutur fil-proċeduri li fihom ingħataw dawn il-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest lill-appellant odjern;
(b) ikkonfermat bil-ġurament tagħha li kienet għarfet ukoll lil Curtis BAKOUSH fl-Awla – u b'hekk, il-Qorti tista' tikkonċedi li hija riedet tfisser li kienet qegħda tikkonferma l-identita ta' Curtis BAKOUSH f'dan il-każ bħala l-istess persuna li lilhom kienu jsejħu dawn il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-ħelsien mill-arrest;
(c) Iżda fix-xiehda tagħha ma jirriżultax li l-istess Spettur ikkonfermat ukoll jew resqet prova oħra :
    i. jekk dawn il-kundizzjonijiet kienux għadhom fis-seħħ meta l-appellant ikkommetta r-reat ta' serq de quo;

ii. jekk kienux baqgħu l-istess kundizzjonijiet jew kienx hemm xi bidla fihom li setgħet taffettwa l-imputazzjoni de quo;

iii. U jekk il-proċeduri penali li fihom ingħataw dawk il-kondizzjonijiet kienux għadhom in vigore meta twettaq id-delitt meritu ta' dan l-appell.

42. Għalhekk din il-Qorti ma tqisx li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha l-prova sħiħa, lil hinn minn kull raġjonevoli dubju li l-appellant wettaq ir-reat imsemmi fit-tielet imputazzjoni. B'hekk huwa sejjer jiġi meħlus mit-tielet imputazzjoni.

43. Inoltre dil-Qorti rat li fir-rigward tar-raba' imputazzjoni l-appellant ġie addebitat bil-kommissjoni tar-reat matul il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-15 ta' Ġunju 2016. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ġiet provduta b'kopja legali ta' dik is-sentenza. Inoltre, minn din is-sentenza jirriżulta li fiha hemm ukoll miktuba l-isem, kunjom u n-numru tal-karta tal-identita tal-appellant li kienet taqbel mal-isem, kunjom u man-numru tal-karta tal-identita tal-appellant f'dawn il-proċeduri. Apparti minn hekk L-Uffiċjal Prosekutur ikkonfermat bil-ġurament tagħha li din is-sentenza li kienet mogħtija kontra l-appellant, kienet ukoll "assoluta u ma tistax tinbidel". B'dan din il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha prova quddiemha mill-indaġini tal-Ispettur Caruana Lee konfermata bil-ġurament tagħha – u liema konferma ma ġietx konfutata jew kontraddetta mill-appellant – li dik is-sentenza kienet saret *res iudicata* u li minnha għalhekk ma kienx sar xi appell li kien pendenti fil-jum meta seħħ id-delitt. B'hekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

setgħet legalment u raġonevolment issib lill-appellant ħati tar-raba' imputazzjoni.

44. Imbagħad tifdal il-kwistjoni relattiva għar-reċidiva imputata f'dan il-każ. Issa huwa minnu li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha ma tgħidx bi kliem ċar li kienet qegħda ssib lill-appellant ħati bħala li huwa wkoll reċidiv. Iżda minn qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jirriżulta li fid-deċide tagħha li dik il-Qorti kitbet ukoll l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali – li juri li kienet riedet tqisu bħala reċidiv fit-termini ta' dawk iż-żewġt artikoli. Iżda mill-banda l-oħra tħalli barra u ma tagħmel ebda riferenza għall-artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. B'dan kollu, din il-Qorti tifhem li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) riedet tikkunsidra lill-appellant bħala li huwa reċidiv fit-termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali iżda mhux ukoll bħala reċidiv speċjali ai termini tal-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali. Iż-żieda fil-piena skont l-artikoli 289 tal-Kodiċi Kriminali hija diskrezjonarja fuq il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) meta ssib ħtija u ssib li jeżistu soddisfatti wkoll ir-rekwiżiti tal-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali.

45. Issa f'dan il-każ jirriżulta li l-Uffiċjal Prosekutur ippreżentat kopja awtentika ta' erba' sentenzi. Meta kienet qegħda tippreżentahom l-Uffiċjal Prosekutur ma kkonfermatx bil-ġurament tagħha jekk dawn kollha jew uħud minnhom kienux saru *res iudicata* o meno. Biss jirriżulta meta hija fil-bidu tal-proċeduri kienet ikkonfermat l-imputazzjonijiet bil-ġurament tagħha, f'dawn l-imputazzjonijiet hemm miktub li l-Qorti hija mitluba titratta mal-imputat bħala reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali wara li kien ġie misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu

mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u jistgħux jinbidlu. B'hekk fl-atti almenu hemm dikjarazzjoni bil-ġurament tal-Uffiċjal Prosekutur li dawn is-sentenzi kienu *res iudicata.* Wieħed jifhem li l-Ispettur Investigattiv u Uffiċjal Prosekutur kienet għamlet l-istħarriġ tagħha dwar dan u sabet li fil-fatt dawn is-sentenzi kienu saru definittivi. Għal din l-istqarrija ġuramentata ma kienx hemm kontestazzjoni mill-appellant; u wieħed jifhem ukoll li din l-istqarrija l-Uffiċjal Prosekutur kienet qegħda tagħmilha għal dawk is-sentenzi li eventwalment ipproduċiet il-kopja legali tagħhom fil-kors tal-kawża.

46. Kif intqal aktar il-fuq, f'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma jirriżultax li qieset lill-appellant bħala reċidiv fit-termini tal-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali. Ir-raġuni għal dan mhix ċara mill-atti. Iżda din il-Qorti setgħet tara li minkejja l-fedina penali florida tal-appellant, u li fiha hemm evidenti diversi sentenzi li sabuħ ħati ta' serq li jmorru lura wkoll għas-sena 2008, il-prova ta' kundanna għal serq preċedenti li ġiet eżebita fl-atti kienet dik tal-15 ta' Ġunju 2016 u li dwarha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) trattatu dwarha billi daħlitha fis-seħħ. Dik is-sentenza pero jirriżulta li ma setgħetx titqies bħala reċidiva għall-fini tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali in kwantu kienet għadha ma ġietx fis-seħħ qabel dik is-sentenza u fi kwalunkwe każ kienet għadha ma ġietx skontata jew maħfura.

47. Biss f'dan il-każ xorta waħda tirriżulta problema sabiex ikun jista' jingħad li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib lill-appellant ħati tar-reċidiva fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali in bażi għall-kumplament tas-sentenzi in reċidiva eżebiti fl-atti. Fir-rigward tas-sentenzi l-oħra

eżebiti f'dan il-każ, jiġifieri dik tas-17 ta' Mejju 2017 u dik tas-7 ta' Frar 2018 il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova b'mod sikur jekk il-piena msemmija f'dawn is-sentenzi kienetx ġiet maħfura jew almenu meta din ġiet skontata u minn meta dan jista' jitqies li seħħ. Dan huwa meħtieġ għall-fini tas-sejbien ta' reċidiva fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali kwantu għal meta jibdew jiddekorru t-termini hemmhekk imsemmija u dan peress li dak l-artikolu jgħid li persuna misjuba ħatja tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għaldak id-delitt ieħor jekk ikun pruvat b'mod sikur li persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha. F'dan il-każ ma ġiex soddisfaċentement ippruvat jekk u meta l-ħati skonta l-piena jew jekk din ġietx maħfura lilu; u f'każ affermattiv meta ġiet maħfura lilu.

48. B'hekk għalkemm il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment ma żżidx il-piena fil-konfront tal-appellant skont dak li jipprovdi l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali in kwantu dan huwa diskrezzjonali fuq il-Qorti, mill-banda l-oħra fin-nuqqas ta' prova kompluta tal-addebitu tar-reċidiva, dik il-Qorti ma setgħetx ukoll issib lill-appellant bħala reċidiv fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, għalkemm kellha biżżejjed fuq xiex issib reċidiv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali. F'dan is-sens ukoll għalhekk il-piena għandha wkoll tiġi riveduta billi jkun hemm temperament moderat konformi ma dak misjub aktar il-fuq.

## *Deċide*

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda tilqa' l-appell ta' Curtis BAKOUSH in parti billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata :

(a) fejn din sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni ta' serq kwalifikat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, tħassarha f'dik il-parti fejn sabitu ħati wkoll tal-kwalifika tal-persuna biex b'hekk jiġi li huwa ġie misjub ħati tal-imputazzjoni tas-serq kwalifikat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

(b) tikkonfermaha wkoll fejn sabitu ħati tat-tieni, ir-raba' imputazzjoni u tal-addebitu tar-reċidiva fit-termini tal-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali iżda mhux ukoll ai termini tal-artikolu 50 tal-istess Kodiċi Kriminali

u fl-istess waqt :

(c) tħassar is-sentenza appellata fejn din sabitu ħati tat-tielet imputazzjoni u b'hekk tiddikjarah mhux ħati tat-tielet imputazzjoni u tilliberah minn kull ħtija, piena u konsegwenza dwarha;

(d) tħassar is-sentenza appellata fir-rigward tal-piena imposta fuq l-appellant fit-total ta' disa' u għoxrin xahar priġunerija kif ukoll f'dik il-parti fejn ordnat li l-ammont totali ta' wieħed u għoxrin elf u ħames mitt euro jgħaddi favur tal-Gvern ta' Malta u minflok, bis-saħħa ta' din is-sentenza, il-Qorti tikkundannah

    i. kwantu għar-reat ta' serq kwalifikat bil-ħin u xorta tal-ħaġa misruqa għal perjodu ta' sitt xhur priġunerija;

    ii. kwantu għall-ksur tal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest għal perjodu ta' sitt xhur priġunerija;

iii. u kwantu għal kommissjoni tar-reat matul il-perjodu operattiv tas-sentenza ta' disa' xhur priġunerija sospiża għal erba' snin tikkonferma li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ u għalhekk tikkundannah għad-disa' xhur priġunerija imsemmija f'dik is-sentenza.

B'kollox għalhekk minflok l-ammont ta' disa u għoxrin xahar priġunerija effettiva komminata fis-sentenza appellata din il-piena qegħda tiġi mnaqsa għal **<u>wieħed u għoxrin xahar</u>** priġunerija.

Inoltre, l-konsegwenzi imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) minħabba l-ksur tal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest mogħtija lill-appellant minn dik il-Qorti bid-digriet tagħha tas-6 ta' Marzu 2019 qegħdin jiġu kkonfermati biex b'hekk din il-Qorti tikkonferma l-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn ordnat ir-revoka ta' dawk il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, u fejn ordnat ir-riarrest immedjat tal-appellant iżda tordna li l-ammont li għandu jgħaddi favur il-Gvern ta' Malta għandu jkun li huwa msemmi fid-digriet tas-6 ta' Marzu 2019. B'hekk l-ammont li għandu jiġi ritenut li jgħaddi favur il-Gvern ta' Malta m'għandux ikun l-ammont ta' wieħed u għoxrin elf u ħames mitt euro (€21,500) iżda għandu jkun dak miktub fid-digriet tas-6 ta' Marzu 2019 jiġifieri l-ammonti t'elf u ħames mitt euro depożitu u ħamest elef euro garanzija personali, li b'kollox jagħmlu total ta' **<u>sitt elef u ħames mitt euro</u>** – li għandhom jiġu meqjusa li jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Intant salv dak mibdul b'din is-sentenza, din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***